# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

**Illum, il-Hamis 21 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 17.**
**Citazz. Nru. 610/01 JRM**

**GASANMAMO INSURANCE AGENCY LIMITED in rappresentanza tas-socjeta' assikuratrici estera CGU INSURANCE plc., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Domenic FALZON, kif ukoll l-istess Domenic FALZON**

**vs**

**Carmelo CUTAJAR**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi fit-22 ta' Awissu 1999 gewwa B'Bugia waqt li l-konvenut, Carmelo Cutajar, kien qed isuq il-vettura numru ta' Registrazzjoni

EAL 954 huwa habat mal- vettura numru DAI 504 proprjeta tal-assikurat tal-attur, Domenic Falzon, u li dak il-hin kienet qed tinsaq minnu;

Illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut li minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-Regolamenti tat-Traffiku hareg min fuq STOP Sign u habat mal-vettura misjuqa minn Domenic Falzon li dak il-hin kienet qed tinsaq regolament gewwa Triq Herakles, B'Bugia u dana kif sejjer jigi spejgat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif jidher car mir-Rapport tal-Pulizija (Dok. LB1);

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura numru DAI 504 garbet hsarat estensivi u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-vettura numru DAI 506 kienet assikurata 'comprehensive' mas-socjeta' attrici assikuratrici u billi saret "claim" l-assikurazzjoni halset ghat-tiswija taghha s-somma ta' Lm1039.52, kif ukoll halset Lm3.00 ghar-Road Accident report, u Lm50.00 bhala Loss of Use – b'kollox halset is-somma ta' Lm1077.52, u dana wara li tnaqqas excess ta' Lm25.00 skond il-Polza u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-attur  Domenic Falzon bhala konsegwenza ta' dan l-incident hallas Lm25.00 bhala excess u Lm5.00 bhala loss of use, b'kollox hallas is-somma ta' Lm30.00 u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi b'risultat tal-incident imsemmi baqa inadempjenti kellha ssir din il-kawza;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara gewwa B'Bugia fit-22 ta' Awissu 1999 u ghad-danni li sofrew l-atturi;

2. Tilliwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici b'risultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' Lm1077.52 jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' Periti nominand;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Domenic Falzon b'risultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' Lm30.00 jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' Periti nominand;

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Domenic Falzon dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 15 ta' Marzu 2000 u ta' ittra Ufficjali ohra ppresentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, spejjez tal-parir (Lm18.00) kontra l-istess konvenut li jibqa minn issa mharrek ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jippresenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni u tiddikjara li l-imharrek wahdu jahti ghall-incident li sehh f'Birzebbugia fit-22 t'Awissu, 1999, kif fuq inghad;

**Tilqa' t-tieni talba** u tillikwida d-danni mgarrba mis-socjeta' attrici fis-somma ta' elf u sebgha u sebghin lira maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm1077.52);

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-imharrek ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf sebgha u sebghin lira maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm1077.52) in linea ta' danni likwidati;

**Tilqa' r-raba' talba** u tillikwida l-hsarat personalment imgarrbin mill-attur Domenic Falzon fl-ammont ta' tletin lira maltin (Lm30.00);

**Tilqa l-hames talba** u tikkundanna lill-imharrek ihallas lill-attur Domenic Falzon tletin lira maltin (Lm30.00) in linea ta' danni likwidati;

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghaijiet legali b'effett mill-10 t'April, 2001, sal-jum tal-hlas effettiv, jithallsu mill-imharrek.

## Moqrija

*21 ta' Gunju, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**21 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Gunju, 2001.**